# AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

Reference Number: PR152350, Press Release Issue Date: Oct 26, 2015

Skont l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru. 178 tal-2002, id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika, jixtieq jinforma lill-pubbliku, li wara informazzjoni li rċieva dan id-Direttorat permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf (*Rapid Alert System for Food and Feed*), li l-imsemmi prodott m'għandux jiġi kkunsmat minn persuni li huma allerġici għall-karawett.

| | |
|---|---|
| **Deskrizzjoni tal-Prodott:** | Torta Pistacchio e Cioccolato |
| **Ditta:** | Cameo |
| **Deskrizzjoni tal-maħfen** | Kaxxa tal-kartun |
| **Oriġini:** | Italja |
| **Użin:** | 246g |
| **Numru tal-Lott:** | L254238 |
| **Data tad-Durabbilita' minima:** | 19.05.16 |

**pr152350.docx**

Il-kumpanija involuta ġiet obbligata tirtira l-prodott mis-suq, iżda peress li probabbilment il-prodott laħaq wasal għand il-konsumatur, bħal ma jsir f'dawn il-każijiet, id-Direttorat huwa obbligat li jiġbed l-attenzjoni tal-pubbliku.

Għal aktar informazzjoni, il-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq in-numru tat-telefon – 2133 7333 mit-8:00 ta' filgħodu sas-2:30 ta' waranofsinhar jew jibgħat imejl fuq mhi@gov.mt. Il-pubbliku jista' wkoll jirrikorri personalment fl-uffiċċju tal-istess Direttorat li jinsab ġewwa Continental Business Centre, Old Railway Track, Santa Venera. Il-pubbliku huwa ġentilment mitlub iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook https://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626?ref=hl jew is-sit uffiċjali fuq https://ehealth.gov.mt/HealthPortal/public_health/environmental-health/department_for_env_health.aspx għal informazzjoni simili.